MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Appell Kriminali Numru. 263/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. M. Tonna)**

**Vs**
Joseph Vancell

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Marzu, 2004 ghall-habta tas-1.15 p.m. waqt li kien gewwa Triq Patri Indri Vella, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li ghandu, gieghel bl-awtorita tieghu nnifsu jew fixkel lil Wilma Vancell fil-pussess ta' hwejjigha jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor billi biddel is-serratura tal-garaxx u ingumbra il-bieb ta' barra tal-fond nru. 142, Triq Patri Indri Vella, Pembroke.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 85 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-prigunerija ghal-perjodu ta’ xahrejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat tad-29 ta' Novembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull imputazzjoni w piena w fl-eventwalita’ li ma jigix akkolt l-aggravju fuq il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi u dana stante li mill-fatti li rrizultaw u li gew sintetizzati fl-istess sentenza ma jissustix ir-reat ta’ ragion fattasi kontemplat fl-art. 85 tal-Kap.9 . Il-fatt li persuna li qed tabita f’ fond taghmel firroll ma jista’ qatt jammonta ghall-ezercizzju ta’ jedd li wiehed jippretendi li ghandu u lanqas ghat-tfixkil fil-pussess ta’ hwejjeg haddiehor. Illi r-reat ta’ ragion fattasi huwa inkluz fit-Titolu III tat-Tieni Taqsima tal-Kap.9 li jittratta fuq Delitti kontra l-Ammistrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjoni Pubblika. Proprju ghalhekk fis-Sub Titolu I tal-istess Titolu III insibu r-reati diretti kontra min jezercita funzjonijiet bla jedd u dawn il-funzjonijiet huma proprju dawk vestiti f’ awtorita’ pubblika . Ghalhekk dak li qed jigi tutalat hu , li xi hadd , bl-eghmil tieghu , jassumi funzjoni u jaghmel atti li huma vestiti f’ awtorita’ pubblika . Ghalhekk kif jista’ wiehed , bil-fatt illi jaghalaq il-bieb minn gewwa bil-firroll ta’ residenza li go fiha kien ilu jghix wahdu ghal kwazi sentejn waqt illi huwa stess kien gewwa rieqed , jammonta ghall-uzurpazzjoni ta’ funzjoni gudizzjarja li biha ikkomprometta l-paci pubblika ? Illi hawn non si trattava ta’ tibdil ta’ serratura . L-elementi tar-reat huma ghalhekk mankanti . Bla pregudizzju il-piena inflitta hija sproporzjonata u l-Qorti ghandha tezercita id-diskrezzjoni lilha moghtija fil-proviso tal-Artikolu 85. Illi l-piena karcerarjaf’ dawn ic-cirkostanzi u

tenut kont tal-gurisprudenza rigward il-pieni imposti f' dan it-tip ta' reat huma fatturi ohra indikattivi tal-isproporzjonalita' tal-piena inflitta fuq l-appellant.

**Semghet ix-xhieda mill-gdid waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w l-parte civile ddikjaraw li f' kull kaz ikun hemm lok ghal temperament fil-piena u li din ghandha tkun wahda pekunjarja.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

WILMA VANCELL **, mart l-appellant xehdet li d-dar in kwistjoni hija tal-komunjoni tal-akkwisti u li hi kienet harget minn hemm fil-kors ta' proceduri ta' separazzjoni. Fil-jum u hin indikati fic-citazzjoni kienet marret biex tidhol izda meta dahhlet ic-cavetta fil-bieb ta' barra w dawwret is-serratura, l-bieb ma nfetahx xorta wahda. Hi allura kienet harset minn taht il-bieb u rat fallakka vertikali w puntal sejjer minn dil-fallakka lejn it-tarag. In kontro-ezami xehdet li qabel id-data in kwistjoni kienet tidhol bic-cavetta u anki wara din id-data baqghet tidhol bl-istess cavetta. Cahdet li l-agenti kellhom access ghad-dar pero'. Meta xehdet f' konfront mal-appellant aktar tard, qalet li hi dak in-nhar ma kienetx habbtet fuq il-bieb biex tidhol ghax ladarba ma ratx il-car tal-appellant hemm , ma kienetx ser toqghod tghajjat fit-triq. Wara ma ppruvatx terga tidhol mill-garage ghax kienet tidhol liberament mill-bieb ta' barra.**

PC 52 EMMANUEL AGIUS **xehed li fl-24 ta' Marzu, 2004, ghall-habta tas-1.15 pm kienet marret Wilma Vancell tghidilhom li ma setghetx tiftah . Marru fuq il-post u hi dahhlet ic-cavetta w daret izda l-bieb ma setax jinfetah. Hu ma jafx x' kien qed izomm il-bieb milli jinfetah u ma tbaxxiex biex jara' x' kien qed izomm. Vancell kienet qaltlu li kien hemm xi haga wara l-bieb, pero' ma talbitux ihares mit-twieqi li kien hemm mall-gemb tal-bieb biex jara x' kien qed izomm. Meta Vancell ippruvat ic-cavetta tal-garage, din ma dahlitx.**

L-APPELLANT **minn jeddu xehed li hu kien irritorna d-dar mix-xoghol tieghu ta' lecturer ghax kien ma jiflahx. Ghalaq bil-firroll orizzontali li kien diga' hemm taht is-serratura biex hu jkun jista' jistrieh. Cahad li kien ghamel serratizz u puntal wara l-bieb. Peress li martu suppost tkun l-iskola fejn tahdem sat-3 pm , ma anticipax li setghet tigi dak il-hin u tkun trid tidhol id-dar. Qampiena ma hemmx fil-bieb. L-estate agents kellhom access ghad-dar u ghall-garage li jinfed mad-dar. Hi ma dahlitx mill-garage ghax hu hemm kien ghamel firroll. Ma setax jispjega pero' ghala c-cavetta tal-garage ma kienetx daret dak in-nhar.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur tal-appellant issottometta li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti kienet qalet li l-appellant kien ghamel firroll . Il-kuntistabbli ma xehedx li mart l-appellant kienet qaltlu biex jara xi fallakka w puntal kif xehdet li hi rat issa fil-kors tal-appell. L-appellant kellu dritt ghal privatezza tieghu w biex l-appellant jaghmel "bolt" (firroll) , ma kellux ghalfejn jirrikorri ghall-awtorita' gudizzjarja . Inoltre biex jissustixxi r-reat , irid jigi pruvat li fil-mument tar-reat dak li jkun kien qed jaghmel att li hu kontra l-oppozizzjoni ta' haddiehor. Ghalhekk f' dal-kaz ma hemmx l-elementi tar-reat ta' ragion fattasi.**

**Ikkonsidrat :**

**Illi ghar-rigward il-fatti li taw lok ghall-incident in ezami, Wilma Vancell quddiem din il-Qorti sostniet li hija kienet rat fallakka vertikali wara l-bieb u speci ta' puntal bejn din il-fallakka w t-tarag retrostanti ghall-bieb. F' din ic-cirkostanza li mid-dehra ssemmiet ghall-ewwel darba fl-istadju ta' dan l-appell, hija kontradetta mill-appellant li jichad li kien ghamel xi haga simili w li insista li kull ma kien ghamel kien li ghalaq bil-firoll gja ezistenti. Wilma Vancell ma gietx korroborata minn PC Agius f' din ic-cirkostanza , minkejja li dan kien mar fuq il-post u assista ghal fatt li minkejja li c-cavetta daret fis-serratura, l-bieb ma kienx infetah. Dax-xhud xehed li Mrs. Vancell ma kienet indikatlu ebda serattizz , fallakka jew puntal dak in-nhar. Ghalhekk f' dan l-istat tal-provi, din il-Qorti thoss li ghandha tikkonferma l-konkluzzjoni ta' fatt raggunta mill-Ewwel Qorti li l-ostakolu biex Wilma Vancell tikseb access ghad-dar konjugali w tal-komunjoni kien gej biss mill-firoll li l-appellant "ex admissis" jghid li kien ghalaq bih dak in-nhar. Veru li jibqa' inspjegat il-fatt ghala wkoll ic-cavetta tal-garage ma dahlitx u ma dawwritx dak in-nhar, pero' dan mhux daqshekk determinanti in vista tal-konkluzzjoni fuq il-punt ta' dritt li ser tasal ghaliha din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "*ragion fattasi*" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-**
**(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi , liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni , espressa jew prezunta , ta' dan il-hadd iehor;**
**(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;**
**(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u**
**(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**

**(Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia" **[17.2.95] ; "I**l-Pulizija vs. Reno Micallef" **[6.6.95],** "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri" **[18.9.2002] u ohrajn )**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-agir tal-appellant jinkwadra ruhu perfettament fir-reat tal-*"exercise of a pretended right"* jew "*ragion fattasi*" , ghax l-appellant , bhala wiehed mill-konjugi li kellu access ghad-dar konjugali hass li kellu dritt li jimpedixxi l-access ghall-istess dar konjugali lill-martu w b' hekk naqqsilha, sia pure temporanjament, d-dritt taghha minnu rikonoxxut li taccedi fl-istess dar taz-zwieg li johrog mill-artikolu 3A tal-Kodici Civili , dritt li jispicca biss bl-operat ta' decizjoni tal-Qorti (Art.37 u 55A tal-Kodici Civili) u assuma b'idejh mansjoni li l-ligi tirrizerva ghall-Qrati fl-artikoli fuq citati .**

**Illi kuntrarjament ghal dak li sostna l-abbli difensur fir-rikors tal appell u fit-trattazzjoni tieghu ,jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina . Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel att estrern li bih impedixxa lill-konjugi Wilma Vancell minn dritt li kienet tgawdi , cioe' dak li jkollha access liberu ghad-dar taz-zwieg, li kienet ukoll tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-fatt umbaghad li hu ko-proprjetarju tal-fond in kwistjoni xorta wahda ma jatihx id-dritt li anki temporanjament jostakola lill-martu milli tidhol fid-dar taz-zwieg. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Salvina k/a Silvia Incorvaja" **[25.7.1994], fejn ukoll si trattava ta' konjugi li qaflet lil zewgha barra mid-dar taz-zwieg, meta cahdet l-appell tal-imputata :-**

*"L-artikolu 85….hu mhux intiz biex jipprotegi l-proprjeta' , mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika"*

**(Ara ukoll f' dan is-sens l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Carmelo Galea**" [4.11.2002])**

**Illi hu ovvju ukoll li l-appellant kellu jkun konsapevoli mid-dissens u oppozizzjoni prezunta tal-konjugi tal-appellant, Wilma Vancell liema dissens gie muri minnufieh malli ndunat li ma setghetx tidhol u li sahansitra wassalha biex titlob lil Pulizija tintervjeni dak il-hin stess. Dan id-dissens l-appellant kellu kull dmir li jifhem u li jipprezumieh u jmissu haseb li jekk martu tinzerta tigi biex tidhol dak il-hin, hi ser tkun impeduta milli taghmel dan , specjalment meta kien jaf li mall-bieb ta' barra ma kienx hemm qampiena li biha hi setghet tnebbhu bil-prezenza taghha w, aktar u aktar, meta hu jinsisti li kien jorqod f' ambjent tad-dar li jigi il-boghod mill-bieb ta' barra. Jirrizulta ukoll l-element li dak li kien qed jaghmel ghamlu ghax hass li kien qed jaghmlu bi dritt u di fatti ghadu jsostni dan sal-lum sahansitra f' din il-kawza. Di fatti l-appellant ghalaq bil-firroll kif qed isostni kellu kull dritt li jaghmlu dan biex ikollu l-privatezza waqt li qed jistrieh. Issa hu minnu li l-appellant jargumenta li biex jaghmel firroll hu ma kellux ghal fejn jirrikorri ghall-operat tal-Qorti w pprova jirriduci l-argument "*ad absurdum*" , pero' strettament bl-eghluq bil-firroll hu gie uzurpa funzjoni li hija rizervata biss lill-Qorti u cioe' dik li tordna lill-wiehed mill-konjugi li ma jkollux access ghad-dar konjugali . Il-fatt li dan l-impediment kien wiehed temporanju, jista' ghal-massimu jigi rifless – kif ser jigi rifless - fil-piena li ghandha tkun proporzjonata man-natura tar-reat dedott. Umbaghad l-ahhar element ta' dar-reat u cioe' li l-att ma jinkwadrax ruhu f' reat aktar gravi , wkoll jezisti w hadd ma allega li l-att tal-appellant jammonta ghal xi reat aktar gravi.**

Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' "*ragion fattasi"* dedott kontra tieghu w l-aggravjul dwar is-sejbien ta' htija ta' din l-imputazzjoni qed jigi respint.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena , dan jidher manifestament gustifikat - kif lejalment sahansitra ddikjaraw fil-verbal fuq citat kemm l-Avukat Generali kif ukoll il-parte civile . Mill-fedina penali tal-appellant jidher li

hu ghandu kondotta nadifa ghal kollox u li dan l-agir abuziv tieghu kien cirkoskritt ghal-okkazzjoni wahda ghaliex , kif xehdet martu kemm qabel dan l-incident kif ukoll wara, hi dejjem kellha access ghad-dar tal-komunjoni bl-istess cavetta li kellha f'idejha . Ghalhekk jidher car li mhux il-kaz li tigi applikata l-piena karcerarja izda jkun ferm aktar gust u xieraq li l-piena f' dan il-kaz ghandha tkun wahda ta' natura pekunjarja kif mahsub fil-proviso tal-artikolu 85 tal-Kap.9 .

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu kkunndannat lill-appellant ghall-piena ta' xaharejn prigunerija w minnflok tikkundannah ghall-multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50), li jekk ma jithallsux fi zmien erbat ijiem mil-lum , jigu konvertiti awtomatikament f' ghaxart (10) ijiem prigunerija a tenur tal-artikoli 11 u 14 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------